VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,385, 20 ta' Frar, 2015
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. I tal-2015

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-trattament ta' persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga.

ACT No. I of 2015

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the treatment of persons in possession of small quantities of prohibited drugs for personal use and for other measures for the rehabilitation of persons suffering from drug dependence.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

20 ta' Frar, 2015

ATT Nru. I tal-2015

ATT biex jipprovdi għat-trattament ta' persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2015 dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' permezz ta' Ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu stabbiliti fir-rigward ta' dispożizzjonijiet jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

2. F'dan l-Att sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"drogi projbiti" tfisser kull droga li tista' tkun is-suġġett ta' proċeduri kriminali taħt l-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew taħt l-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; Kap. 31. Kap. 101.

"liġijiet dwar id-droga" tfisser l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; Kap. 31. Kap. 101.

"meta jinsab ħati" tinkludi l-ħlas volontarju ta' penali mingħajr proċeduri kif previst taħt dan l-Att jew taħt l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja; Kap. 291.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

Applikazzjoni ta' dan l-Att.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inkluż il-proċeduri, miżuri u pieni previsti f'dan l-Att fir-rigward ta' reati kontra l-liġijiet dwar id-droga, għandhom japplikaw minkejja u għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet dwar id-droga. Ma tkun tinħtieġ ebda direzzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali għall-iskop ta' bidu ta' proċeduri skont l-artikoli 4 u 5 ta' dan l-Att.

(2) Il-liġijiet dwar id-droga għandhom jibqgħu fis-seħħ bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe materja espliċitament prevista f'dan l-Att.

Pussess ta' droga projbita għall-użu personali.

4. (1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi ta' kull droga minbarra d-droga kannabis jew tlieta punt ħamsa grammi tad-droga kannabis jew żewġ pilloli tal-'ecstacy' jew żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125):

Iżda l-Ministru jista' permezz ta' regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att jistabbilixxi ammonti u livelli ta' purità dwar tipi differenti ta' drogi projbiti illi jkunu jagħtu lok għal preżunzjoni legali illi persuna misjuba fil-pussess ta' dawk l-ammonti ta' droga projbita, sew jekk ta' purità speċifikata u sew jekk le, kien fil-pussess ta' dik id-droga projbita għal skopijiet ta' użu personali jew ta' traffikar, skont il-każ.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) fejn id-droga projbita li fir-rigward tagħha persuna hija mixlija skont is-subartikolu (1) tikkonsisti fid-droga kannabis jew reżina tal-kannabis, il-penali applikabbli għandha tkun bejn ħamsin euro (€50) u mitt euro (€100).

(3) Fejn, fi proċeduri mibdija quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja skont it-termini tas-subartikoli (1) jew (2), titqajjem kwistjoni dwar jekk is-sustanza tikkonsistix fi droga projbita, il-Kummissarju għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Bord dwar ir-

Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li għandu jirrapporta lura s-sejbiet tiegħu lill-Kummissarju.

(4) Kull droga projbita kkonfiskata jew esibita matul il-proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja skont it-termini tas-subartikoli (1) jew (2) għandha tintbagħat mir-Reġistratur tat-Tribunal lir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex tinqered. Għandha tinżamm nota ta' dan il-fatt.

(5) Fejn persuna mixlija b'reat kif previst fis-subartikoli (1) jew (2) tkun persuna li mhijiex abitwalment residenti f'Malta kull penali dovuta skont it-termini tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija subartikoli għandha, sakemm il-penali mhijiex kontestata, titħallas fil-minimu tagħha permezz ta' mezzi elettroniċi u mingħajr proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, fi kwalunkwe post u b'dak il-mod kif il-Ministru jista' jistabbilixxi. Dan il-ħlas jista' jsir biss permezz ta' karta ta' kreditu jew trasferiment ieħor bankarju fi żmien tnax-il siegħa mill-ħin li fih l-imsemmija persuna tiġi notifikata bl-akkuża matul liema ħin il-Pulizija Eżekuttiva għandu jkollha s-setgħa li żżomm tali persuna taħt detenzjoni sakemm isir il-ħlas:

Iżda fejn akkuża li għaliha japplika dan is-subartikolu tiġi kontestata jew fejn ma jsir l-ebda ħlas tal-penali kif previst hawn qabel f'dan is-subartikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jieqfu milli japplikaw fir-rigward tal-persuna mixlija u l-każ għandu jkompli skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet dwar id-droga.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "kontestat" tfisser avviż ta' kontestazzjoni wkoll b'mod verbali.

It-tieni reat fi żmien perjodu ta' sentejn.

5. (1) Fil-każ li persuna tinsab ħatja għat-tieni darba jew għal darba sussegwenti dwar pussess ta' droga projbita għall-użu personali fi żmien perjodu ta' sentjen mid-data tal-ewwel kundanna, il-persuna li twettaq ir-reat għandha tiġi akkużata quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja appuntat skont it-termini tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u teħel l-istess penali u tkun soġġetta għall-istess proċedura skont l-artikolu 4:

Kap. 291.

Iżda meta l-persuna li tinsab ħatja għat-tieni darba jew għal darba sussegwenti tkun abitwalment residenti f'Malta, il-Kummissarju għall-Ġustizzja għandu jordna li l-persuna misjuba ħatja tidher quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga stabbilit skont l-artikolu 6.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fil-każ li persuna tinsab ħatja għat-tieni darba jew għal darba sussegwenti kif

imsemmi fis-subartikolu (1), fejn id-droga projbita involuta fir-reat hija kannabis jew reżina tal-kannabis, il-Kummissarju għall-Ġustizzja għandu jirreferi l-persuna misjuba ħatja lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga biss jekk, wara li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi tar-reat u tal-ħati, ikun sodisfatt li jkollu tassew għaliex jaħseb li ċ-ċirkostanzi tal-persuna misjuba ħatja jwasslu għall-probabbiltà li qiegħda tabbuża jew x'aktarx tabbuża minn drogi projbiti barra mill-kannabis jew reżina tal-kannabis.

Nuqqas ta' dehra quddiem il-Bord.

(3) Il-Kummissarju għall-Ġustizzja għandu fil-każijiet kollha joħroġ ordni ta' dehra quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fil-każ li persuna tiġi akkużata bit-tieni reat jew reat sussegwenti skont it-termini tas-subartikoli (1) jew (2) u li jew tagħżel li tħallas il-penali mingħajr proċeduri skont it-termini tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja jew tonqos milli tidher quddiem il-Kummissarju meta debitament imħarrka.

Kap. 291.

(4) Fejn persuna tinbagħat quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga skont it-termini tas-subartikoli (1), (2) jew (3), l-imsemmi Bord għandu jħarrek lill-imsemmija persuna sabiex tidher quddiemu u għandu, wara li jagħmel dak l-istħarriġ dwar dik l-imsemmija persuna kif huwa proporzjonat u kif iqis neċessarju, u jekk isib li l-imsemmija persuna għandha problema ta' dipendenza fuq id-droga li għandha bżonn trattament, l-imsemmi Bord għandu joħroġ dawk l-ordnijiet lil dik il-persuna li l-Bord iqis neċessarji għall-għan li jassisti lil dik il-persuna sabiex toħroġ mid-dipendenza fuq id-droga.

(5) Kull persuna li wara li tiġi riferita lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tonqos, mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli, milli tidher quddiem il-Bord f'xi okkażjoni li tkun mistennija tidher, jew tonqos mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli milli tosserva xi ordni maħruġ lilha mill-Bord tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u teħel meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati multa ta' bejn mitt euro (€100) u ħames mitt euro (€500) jew priġunerija għal perjodu ta' tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

6. (1) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħruf bħala l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li għandu jikkonsisti minn:

(a) *Chairman* maħtur mill-Ministru li għandu jew ikun Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew persuna li eżerċitat il-professjoni ta' avukat għal mill-anqas tnax-il sena;

(b) membru maħtur mill-Ministru fuq

rakkomandazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

(ċ) membru maħtur mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-affarijiet interni;

(d) membru maħtur mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru responsabbli għas-saħħa:

Iżda l-persuni maħtura skont il-paragrafi (b), (ċ) u (d) ta' dan is-subartikolu għandhom jinħatru minn fost persuni li jkunu ġejjin minn professjonijiet jew dmirijiet li huma rilevanti għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar aktar minn formazzjoni waħda tal-Bord skont il-metodu ta' ħatra previst fis-subartikolu (1).

(3) Fil-każ ta' voti indaqs, iċ-*Chairman* tal-Bord għandu jkollu vot deċisiv.

(4) Il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għandu jkollu s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jintervista u jeżamina kull persuna li hija riferita lilu mill-Kummissarju għall-Ġustizzja jew minn Qorti skont it-termini tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kull liġi oħra;

(b) li jordna t-teħid ta' dawk il-kampjuni tad-demm u tal-awrina minn kull persuna riferita lilu;

(ċ) li jikseb informazzjoni, assistenza teknika jew parir espert minn kull dipartiment tal-Gvern jew aġenzija jew minn xi organu mwaqqaf bil-liġi sabiex jeżamina s-sitwazzjoni ta' xi persuna riferita lilu;

(d) li jieħu dawk il-miżuri proporzjonati kif il-Bord jidhirlu li huma neċessarji sabiex jassisti lil persuna riferita lilu sabiex tassistih fil-ġlieda kontra l-problemi tad-dipendenza fuq id-droga;

(e) li joħroġ dawk l-ordnijiet jew rakkomandazzjonijiet, li jistgħu wkoll jinkludu dawk l-ordnijiet li jirrestrinġu l-moviment ħieles, għat-trattament jew riabilitazzjoni ta' xi persuna riferita lilu sabiex tassistih fil-ġlieda kontra l-problemi tad-dipendenza fuq id-droga;

(f) li jagħti parir u jassisti lill-Kummissarju għall-

Ġustizzja, il-Qorti tal-Maġistrati jew kull Qorti oħra ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq talba tal-imsemmi Kummissarju għall-Ġustizzja jew Qorti fir-rigward ta' miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja jew il-Qorti, jew f'materji li għandhom x'jaqsmu mal-assistenza u r-riabilitazzjoni ta' persuni ħatja ta' abbuż tad-droga u persuni akkużati b'reati taħt il-liġijiet dwar id-droga jew b'reati li huma direttament jew indirettament relatati mad-dipendenza fuq id-droga;

(g) li josserva b'mod ġenerali u jagħti pariri dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' programm immirat sabiex jipprovdi sostenn psikoloġiku lill-membri tal-familja u persuni oħra b'konnessjoni mill-qrib ma' persuni li jsofru minn problemi ta' dipendenza fuq id-droga;

(h) li jaħdem b'mod koordinat mal-awtoritajiet tal-ġustizzja, tal-politika soċjali, tal-pulizija, tas-saħħa u tat-taħriġ ġudizzjarju għall-organizzazzjoni ta' taħriġ għall-prattikanti involuti f'attivitajiet relatati mal-kontroll tal-abbuż mid-droga u mġiba relatata mad-droga;

(i) li jaqdi kull funzjoni oħra li tirrigwarda r-riabilitazzjoni ta' persuni li jabbużaw mid-droga kif il-Ministru jista' jassenjalu minn żmien għal żmien, permezz ta' regolamenti.

(3) B'mod ġenerali, sabiex jeżerċita s-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu, il-Bord ikollu, *mutatis mutandis*, is-setgħat kollha li huma vestiti fil-Qorti tal-Maġistrati skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis.

7. Persuna li tinsab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantità żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġettta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' *probation* jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

Qorti dwar id-Droga.

8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna

Kap. 101.
Kap. 31.

akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' u wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

(3) Meta l-Qorti toħroġ digriet li ser tassumi l-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga, il-Qorti għandha tipproċedi sabiex tirreferi l-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li jkollu s-setgħa li jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-artikolu 6.

(4) Fil-każ fejn il-persuna akkużata tonqos milli tosserva l-ordnijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga jew jekk il-Bord, wara li jeżamina l-fatti jikkonsidra li l-persuna akkużata mhijiex turi impenn lejn ir-riabilitazzjoni tagħha, il-Bord għandu, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà tal-akkużat taħt l-artikolu 5(5), jirrakkomanda li l-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tagħha sabiex tikkonverti lilha nnfisha għal Qorti dwar id-Droga u tipproċedi bil-kawża.

(5) Fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, fi żmien perjodu ta' mhux aktar minn tmintax-il xahar minn meta persuna akkużata kienet riferita lilu, jikkunsidra li l-persuna

akkużata sostanzjalment rnexxielha teħles lilha nnifisha mid-dipendenza fuq id-droga, il-Bord għandu jirrapporta dak il-fatt lill-Qorti u għandu jirreferi lill-persuna akkużata lura lill-Qorti.

(6) Wara li tirċievi r-rapport imsemmi fis-subartikolu (5), il-Qorti għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u t-Tribunali Kriminali sabiex jgħaddilha lista tal-każijiet kriminali kollha pendenti kontra l-persuna akkużata, ħlief ta' dawk li dwarhom Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex jew ma tistax tingħata kompetenza u reati li jinvolvu akkużi kif imsemmi fis-subartikolu (2)(b), u għandha, safejn tikkunsidra din il-miżura bħala li tkun fl-aħjar interessi tar-riabilitazzjoni tal-persuna akkużata, wara li tqis b'mod xieraq l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja u tal-vittmi, terġa' ssejjaħ lura dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati jew li għalihom il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati tista' tiġi estiża sabiex dawn jinstemgħu u jiġu deċiżi quddiemha jekk il-Qorti tkun il-Qorti tal-Maġistrati u fil-każ li tkun il-Qorti Kriminali jiġu deċiżi quddiemha konsistenti biss minn Imħallef:

Iżda f'każijiet li għalihom japplika dan is-subartikolu, fejn reat imsemmi f'dan is-subartikolu jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti iżda jikkonsisti f'reat li għalih il-kompetenza tal-Qorti tista' tiġi estiża, il-kompetenza tal-Qorti għandha titqies li ġiet estiża permezz tal-liġi bis-saħħa tad-digriet li jsejjaħ lura dawn il-każijiet sabiex jinstemgħu u jiġu deċiżi quddiemha mingħajr ma jkun meħtieġ ebda kunsens jew formalità oħra.

(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:

Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.

(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv. Kap. 9. Kap. 77.

(9) M'għandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga jew li tiċħad talba sabiex tagħmel dan, jew minn xi deċiżjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

(10) Fejn il-persuna akkużata ġiet riferita lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kif previst f'dan l-artikolu l-persuna akkużata għandha, matul il-perjodu li fih il-persuna tkun hekk riferita, titressaq quddiem il-Qorti f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet xhur sabiex il-Qorti tkun aġġornata, verbalment jew bil-miktub, mill-Bord fir-rigward tal-progress tar-riabilitazzjoni jew it-trattament tal-persuna akkużata.

(11) Matul iż-żmien meta l-persuna akkużata tkun riferita quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga il-Qorti għandha tkompli tisma' l-każ kontra l-persuna akkużata daqslikieku dan ir-riferiment sar iżda m'għandhiex tagħti deċiżjoni.

Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi.

9. (1) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħruf bħala l-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi li għandu jikkonsisti minn dak in-numru ta' persuni li ma jkunx anqas minn tlieta u mhux aktar minn sitta kif il-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien.

(2) Il-funzjoni tal-Bord għandha tkun li jissuġġerixxi politika għall-għoti ta' sentenzi fuq persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat tad-droga jew reati relatati mad-droga b'dak il-mod sabiex tintlaħaq konsistenza fil-pieni mogħtija għal dawn ir-reati minn qrati differenti.

(3) Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, jista' permezz ta' regolamenti jestendi l-kompetenza tal-Bord Konsultattiv għall-Politika tal-Għoti tas-Sentenzi għal reati oħra.

(4) Mat-tfassil tal-politika għall-għoti tas-sentenzi l-Bord għandu jirrapporta lill-Ministru li għandu jirreferi l-politika abbozzata għall-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, waqt li jagħmel dawk il-kummenti bil-miktub kif il-

Ministru jista' jqis bħala xierqa.

(5) Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha toħroġ l-opinjoni tagħha fuq l-abbozz tal-politika għall-għoti tas-sentenzi fi żmien sitt xhur minn tmiem ix-xahar li matulu dik il-politika abbozzata tkun ġiet komunikata lilha mill-Ministru:

Iżda jekk l-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma tiġix riċevuta mill-Ministru fi żmien tletin jum minn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Ministru jkun jista' jipproċedi bl-adozzjoni tal-imsemmija politika għall-għoti tas-sentenzi jew jestendi l-imsemmi perjodu ta' sitt xhur fuq talba tal-Kummissjoni, jekk jikkunsidra li tali estensjoni hija ġustifikata:

Iżda wkoll fejn il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tapprova l-politika għall-għoti tas-sentenzi din il-politika għandha tiġi ppubblikata mill-Ministru hekk kif approvata sakemm il-Ministru, għal raġunijiet mistqarra bil-miktub, ma jikkunsidrax li jkun neċessarju li ma josservax il-politika approvata.

Użu ta' preparazzjonijiet mediċinali tal-kannabis. Kap. 464.

10. Speċjalista li jkun reġistrat taħt l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa f'reġistru dwar l-ispeċjalisti dwar l-ispeċjalità fin-newroloġija, onkoloġija u radjoterapjia, anestesija u kura intensiva, psikjatrija jew f'xi reġistru dwar l-ispeċjalisti ieħor kif il-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' b'regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-artikolu jippreskrivi, ikollu jedd li jippreskrivi lill-pazjenti preparazzjonijiet mediċinali tal-pjanta kannabis li jkunu liċenzjati taħt l-Att dwar il-Mediċini, jekk huwa jkun tal-fehma illi ma jkunx hemm alternattiva vijabbli għal dik il-preskrizzjoni wara li jkun ħa kont kif jixraq ta' xi protokolli li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien dwar il-preskrizzjoni ta' mediċini, tal-interessi tal-pazjent u tal-ispejjeż.

Kap. 458.

Persuni li jipprovdu assistenza għall-persuni li jsofru minn doża eċċessiva tad-droga.

11. (1) Kull persuna li tipprovdi assistenza lil persuna oħra li tkun qed issofri minn doża eċċessiva tad-droga billi tieħu tali persuna l-isptar jew f'post fejn din il-persuna oħra tista' tirċievi kura medika xierqa jew li tfittex l-assistenza tal-awtoritajiet kompetenti għal dan il-għan ma għandhiex, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tagħha għal xi reat ieħor, titqiegħed taħt prosekuzzjoni għall-fatt li tkun qasmet u kkonsmat droga projbita fi kwantità għall-użu personali mal-persuna li tkun qed issofri bħala riżultat tal-imsemmija doża eċċessiva.

(2) Fejn il-persuna li tkun qed tipprovdi l-assistenza skont is-subartikolu (1) għandha titqiegħed taħt prosekuzzjoni għal xi reat ieħor direttament konness mad-doża eċċessiva tal-persuna assistita l-piena li tali persuna teħel meta tinsab ħatja għandha titnaqqas bi grad.

Setgħa li jsiru regolamenti.

12. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-implimentazzjoni aħjar ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Att u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi dawn ir-regolamenti jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet:

(a) għat-twaqqif ta' proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-Kummissarji għall-Ġustizzja li jisimgħu każijiet taħt dan l-Att u fir-rigward tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

(b) għall-organizzazzjoni ta' skemi ta' servizz għall-komunità u biex jipprovdu li dawn l-iskemi jistgħu, bl-awtorizzazzjoni ta' Qorti jew tal-Kummissarju għall-Ġustizzja skont il-każ, jintużaw bħala alternattiva għal penali pekunjarja li tista' tiġi imposta minn Qorti jew mill-Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att;

(ċ) għall-varjazzjoni tal-ammont tal-penali li tista' tiġi imposta mill-Kummissarji għall-Ġustizzja taħt dan l-Att iżda hekk li l-penali massima hekk stabbilita ma tistax taqbeż il-ħames mitt euro (€500);

(d) għat-twaqqif ta' proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-ħlas immedjat tal-penali mingħajr proċeduri fir-rigward ta' penali li persuna tista' teħel taħt dan l-Att;

(e) biex jipprovdu, b'mod proporzjonat, għan-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenzi jew awtorizzazzjonijiet oħra ta' kull tip lil persuna misjuba ħatja ta' xi reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi ta' droga għall-użu personali sa meta titħallas il-penali dovuta;

(f) biex jippreskrivi dak kollu li jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att.

Esklużjonijiet mill-applikabbiltà ta' dan l-Att.

13. Dan l-Att m'għandux japplika:

(a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew fil-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew

(b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż; jew

Kap. 31.

Kap. 101.

(ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

14. L-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso għas-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "Iżda l-Qorti tal-Maġistrati jkollha ġurisdizzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda l-Qorti tal-Maġistrati jew kull qorti oħra ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollha ġurisdizzjoni";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

Kap. 101.

Kap. 31.

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ ta' dan l-Att m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att:

Iżda l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom, bis-saħħa ta' dan l-Att, is-setgħa li japplikaw kull piena li tista' tiġi applikata minn Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att fir-rigward ta' reat li skont dan l-Att għandu jitressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja:

Kap. 101.
Kap. 31.

Iżda wkoll il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli dwar reati kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwarhom taħt dan l-Att għandu, minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ikun l-istess wieħed applikabbli dwar dawk ir-reati taħt l-imsemmija Ordinanzi moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-

Kap. 9

Kodiċi Kriminali dwar il-preskrizzjoni.

(5) Reat imsemmi fis-subartikolu (4) għandu jibqa' soġġett għas-setgħat kollha tal-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward tiegħu daqslikieku r-reat ma tressaqx quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att għall-finijiet tal-investigazzjoni tal-imsemmi reat jew ta' kull reat ieħor.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) jew ta' xi liġi oħra, reat imsemmi fis-subartikolu (4) m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-kondotta skont l-

Kap. 77.

Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta iżda r-Reġistratur tat-Tribunal jew kull persuna oħra kif tista' tiġi nominata permezz ta' regolamenti magħmula mill-Ministru għandhom iżommu reġistru tal-kundanni kollha jew ħlasijiet volontarji ta' penali fir-rigward ta' reati msemmija fis-subartikolu (4) u dan ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-Pulizija Eżekuttiva, għar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali għal kull awtorità pubblika oħra kif il-Ministru jista' permezz tar-regolamenti jinnomina.

(7) Il-prosekuzzjoni quddiem il-Kummissarji għall-Ġustizzja għal reati kontra

Kap. 31.

l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

Kap. 101.

u l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży għall-pussess ta' droga projbita għall-użu personali għandha titwettaq mill-Pulizija Eżekuttiva li, madanakollu, għandha tidher quddiem il-Kummissarju b'ilbies pajżana.".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

15. Minnufih wara s-subartikolu (6) tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Kull persuna li tonqos milli tħallas penali imposta fuqha taħt dan l-Att, kemm jekk mill-Kummissarju kif ukoll jekk minn xi Qorti, għal reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż tista', fuq talba tar-Reġistratur tat-Tribunal jew tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, tinġieb quddiem il-Kummissarju jew quddiem il-Qorti, skont il-każ, sabiex jiġi determinat jekk il-kawża tan-nuqqas ta' ħlas hijiex id-dipendenza fuq id-droga u fil-każ illi l-Kummissarju jew il-Qorti jkunu tal-fehma illi fuq bażi ta' probabilità l-persuna misjuba ħatja tkun naqset milli tħallas il-penali minħabba problema ta' dipendenza fuq id-droga huma jkunu jistgħu jordnaw illi dik il-persuna tiġi riferita lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga imwaqqaf skont l-artikolu 6 tal-Att tal-2015 dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) u s-setgħat u l-funzjonijiet ta' dak il-Bord ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal dik il-persuna bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.".

Kap. 31.

Kap. 101.

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

16. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja minflok il-kliem "stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet;" għandhom jidħlu l-kliem "stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda wkoll xejn f'dan il-paragrafu m'għandu jiġi mfisser bħala li jwaqqaf il-Parlament milli jemenda l-Iskeda bis-saħħa ta' Att tal-Parlament sabiex jinkludi fiha reati li jġorru pieni li huma ogħla mill-pieni stabbiliti għal kontravvenzjonijiet;".

Emenda tal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

17. L-Iskeda li tinstab mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) l-intestatura tat-tielet kolonna kull fejn tinsab għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Dispożizzjonijiet partikolari, jekk ikun hemm, jew deskrizzjoni tar-reat"; u

(b) minnufih wara l-partita "Regolamenti dwar il-Maniġġar tal-Kwalità tal-Ilma Tajjeb għall-Għawn" għandhom

jiżdiedu l-partiti ġodda fil-kolonni kif indikati hawn taħt:

Leġislazzjoni	**Numru tal-Kap. jew L.S**	**Dispożizzjonijiet partikolari, jekk ikun hemm, jew deskrizzjoni tar-reat**
"Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż	Kap. 101.	Pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita f'ammont li ma jaqbiżx żewġ grammi ta' kull droga minbarra d-droga kannabis jew tlieta punt ħamsa grammi tad-droga kannabis irrispettivament mill-purità.
Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha	Kap. 31.	Pussess sempliċi ta' droga projbita għall-użu personali f'ammont li ma jaqbiżx iż-żewġ grammi irrispettivament mill-purità jew mhux aktar minn żewġ pilloli '*ecstasy'* jew żewġ pilloli projbiti oħra jew il-pussess sempliċi għall-użu personali tal-pjanta '*khat*'.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 238 tal-11 ta' Frar, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati